**It-tielet tridu ta' Santa Marija – L-Imqabba 2011**

**Marija Sultana**

Kemm tiddi llum fid-dawl ta' ġmielek, Verġni
bix-xemx imlibbsa, tielgħa s-sema,
bi tnax-il kewkba ta' deheb fin fuq rasek,
u l-qamar taħtek!
    Għelibt il-mewt, l-infern u d-dnub, o safja,
    u qgħadt ħdejn Kristu, l-avukata tagħna,
    mogħnija b'qawwa w setgħa ta' sultana
    tal-art u s-sema.
Ħares, Marija, n-nagħaġ tal-merħla mqaddsa,
daħħal lill-mifrudin fil-għaqda tagħha
eħles minn kull dell il-mewt u ġib fi ħdanha
lill-ġnus imbiegħda.
    Jaqilgħu bik il-maħfra l-ħatjin kollha,
    farraġ lill-imnikktin, lill-foqra u l-morda,
    u fit-taħbit tal-ħajja, kun it-tama
    tas-salvazzjoni
Glorja u tifħir lit-Trinità ta' dejjem,
li lilek, Verġni, żejjnet bil-kuruna,
u tatna fik sultana u omm ħanina
li tieħu ħsiebna.

Għeżież Imqbbin, wasalna f'dan it-tielet u l-aħħar jum tat-tridu qabel ma għada flimkien mal-Knisja kollha nidħlu fis-solennità tat-tlugħ fis-sema tal-Madonna bir-ruħ u l-ġisem. Fil-jumejn li għaddew ħadna żewġ toroq li jwassluna għal żewġ aspetti differenti fil-persuna ta' Marija: tajna ħarsa lejn din l-omm tagħna bħala Eva l-ġdida li sewwiet il-ħsara tal-ewwel Eva u mbagħad

ippruvajna nifhmu xi ftit aktar it-tagħlim tal-Knisja meta tippreżentalna lil Marija bħala l-omm ta' Alla u l-omm ta' kull min jemmen. Illum se nħarsu lejn aspett ieħor mir-riflessjoni tal-ewwel sekli dwar Marija – aspett li lilna bħala Mqabbin jolqotna xi ftit aktar mill-qrib.

Bħala xbieha-gwida għal din il-ġurnata se nipproponi l-eqdem kwadru li nsibu fil-knisja tagħna – il-kwadru tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna li jinsab fil-kappellun tar-Rużarju. Ir-rabta ta' dal-kwadru mal-istorja tal-knisja ta' raħalna hija kbira għax apparti milli ra t-transizzjoni bejn il-knisja ta' qabel u din li qiegħedin fiha l-lejla fi tmiem is-seklu sbatax, apparti milli ra l-ħerba tal-gwerra u l-isfreġju li sar fuqu fis-snin ta' wara u baqa' dejjem f'postu, nistgħu ngħidu li minn kif huma l-fatti issa, din il-pittura hija l-eqdem xbiha tal-Assunzjoni tal-Madonna li għadna ngawdu fir-raħal tagħna. Kienet din l-istess pittura li naraw illum, fil-fatt, li ħadet post it-titular tal-knisja l-antika ddedikata lill-Assunta li kienet mibnija fil-post fejn illum hemm il-kappellun tar-Rużarju u li eventwalment madwarha u madwar il-knisja l-oħra tal-Annunzjata nbniet din il-knisja li ninsabu fiha, li żammet l-istess dedika bħall-parroċċa omm – dik ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ.

Nistgħu ngħidu li t-twemmin kattoliku tat-tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem tal-Verġni Mqaddsa Marija huwa wieħed mill-eqdem li għandu x'jaqsam mal-Madonna. Fil-waqt li l-ewwel suġġett ta' studju fl-ewwel sekli tal-Knisja kien, bħalma rajna, ix-xebħ u d-differenza bejn Marija u Eva, u waqt li l-ewwel definizzjoni dommatika dwar il-Madonna kienet dik tal-maternità divina tagħha, mill-kitbiet l-aktar bikrin tal-insara jidher illi l-ewwel twemmin poplari dwar il-Madonna kien appuntu li fi tmiem ħajjitha, b'mod misterjuż u inspjegabbli, ġisimha ttieħed lejn is-sema.

Huma diversi l-kitbiet tal-ewwel sekli li jitkellmu dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Marija Santissma u l-passaġġ tagħha lejn is-sema. Ħafna minn dawn huma kitbiet anonimi li nkitbu minn persuni ta' fidi li għaqqdu l-ġrajjiet li kienu jisimgħu li jiffurmaw parti mit-tradizzjoni ħajja tal-komunità nisranija flimkien ma' sforz biex jagħtu spjegazzjoni għal dak li ma jinsabx rakkuntat espliċitament fil-kotba mqaddsa. Fost dawn hija kitba tat-tielet seklu wara Kristu li titkellem għall-ewwel darba fuq il-mewt u t-tlugħ fis-sema ta' Marija Santissima, kitba li waslitilna fi traduzzjoni bil-latin li ġġib l-isem ta'

***Transitus Mariae***. B'din il-kitba l-awtur jiġbor it-tradizzjonijiet bikrin tal-perijodu ta' żmien l-appostli. Huwa ktieb mimli simboliżmu, simboliżmu li juri li l-ewwel letteratura tal-Knisja nisranija kienet tipprova timita l-letteratura tal-ġudaiżmu. U forsi kien propju minħabba f'hekk, iġifieri li dan it-test hu miktub fi stil li jixbaħ lill-ġudaiżmu, li din il-kitba ġiet ftit jew wisq ittraskurata mill-kittieba ekkleżjastiċi matul is-sekli. Imma xorta waħda għalina llum tibqa' kitba importanti ħafna.

Fost ħafna affarijiet, din il-kitba, it-***Transitus Mariae***, iġġibilna quddiem għajnejna s-santwarju tal-qabar tal-Madonna, li hemm fil-bidu tal-wied ta' Kedron, mhux bogħod mill-ġnien tal-Ġezzemani. Il-kitba turi li dan il-post kien meqjum sa mit-tieni seklu wara Kristu u li kien diġà sar ċentru ta' pellegrinaġġi, l-ewwel wieħed fid-dinja marbut mal-Madonna. Jekk inħarsu ftit lejn l-istorja ta' dan il-post qaddis marbut ma' tmiem il-ħajja ta' Marija Verġni, naraw illi fis-seklu V fuq il-qabar tal-Madonna nbniet l-ewwel knisja li ġiet ikkonsagrata lil Marija omm Alla mill-isqof Ġovenal ta' Ġerusalemm ftit wara l-konċilju ta' Efesu fis-sena 431. Fis-sena 490 W.K. l-imperatur Mawrizju bena knisja ġdida, rotunda kbira fuq

il-knisja li kien hemm qabel. Il-knisja l-antika saret il-kripta li tħares bil-qima l-fdalijiet tal-qabar tal-verġni Marija. Matul is-sekli minkejja t-taqlib u d-diffikultajiet li l-insara dejjem ħabbtu wiċċhom magħhom fl-art imqaddsa l-istess insara dejjem iċċelebraw f'dan il-post it-transtu, jew it-tlugħ fis-sema, ta' Marija Santissima fil-ħmistax ta' Awwissu. (Mill-kitbiet tal-ewwel sekli) nafu li l-festa kienet tiġi ppreparata minn perijodu intens ta' preparazzjoni, li minnha mbagħad fil-medjuevu ħarġet il-kwindiċina li hija sinonima mas-solennità tal-Assunta. Jekk nibqgħu nżommu l-ħarsa tagħna fuq l-istorja tal-qabar ta' Marija, naqraw ukoll li dik ir-rotunda li kien bena l-imperatur Mawrizju ġiet meqrud ftit qabel iż-żmien tal-Kruċjati fil-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm.

L-istorja tgħidilna li kienu l-benedittini li bejn is-snin 1112 u 1130 li fuq il-post bnew knisja ġdida u monasteru kbir biex jgħixu qrib il-qabar ta' Marija. Sfortunatament bħalma ġara, is-santwari kollha tal-art Imqaddsa, fosthom din ir-rotunda, ġew imġarrfa minn Saladin fl-1137. Iżda, peress li fl-Islam hemm rispett kbir lejn Marija li hija meqjusa bħala omm il-profeta Ġesù, b'sinjal ta' rispett lejha, Saladin ħalla wieqfa l-kripta ċkejkna li tħares il-qabar tal-Madonna, kripta li l-pellegrin tal-lum

għadu jista' jinżel fiha biex iżur il-post ta' tmiem il-ħajja ta' Marija Santissma. Fil-fatt kull min iżur l-art imqaddsa u d-diversi santwarji fil-belt il-qaddisa, ta' bilfors jieqaf ukoll biex jinżel fil-kripta fejn huwa mħares il-qabar ta' Marija. Il-pellegrin tal-lum irid jinżel daqs ħamsin tarġa fil-kripta biex jasal biex iqim il-qabar tal-Madonna f'ambjent mudlam imdawwal bil-lampieri tal-fidda. Nistgħu nistaqsu: ma kienx jixraq forsi li l-qabar tal-Omm Immakulata ta' Alla ikun jgħum fid-dawl, mibni fuq l-għolja aktar milli fil-qiegħ tal-wied ta' Kirdon? Ir-raġuni hija sempliċi: fit-tradizzjoni Lhudija l-wied ta' Kidron kien il-post fejn kienu jindifnu s-slaten u kien għalhekk li l-appostli għażlu li lil Marija, omm is-Sultan l-għoli, jidfnuha hemm, għax ma kienx hemm post aqwa fejn ġisimha seta' jintradd lill-art.

Imma ejjew immorru lura għat-***Transitus Mariae*** u nifhmu ftit kif din il-kitba antikissima tiddeskrivilna b'mod simboliku t-tlugħ fis-sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem.

Hekk jgħid it-***Transitus Mariae***: "U ara, deher quddiem il-Verġni mbierka anġlu f'dija li tgħammex u filwaqt li sellmilha qalilha: "Sliem għalik, imbierka mill-Mulej...

ilqa' din il-fergħa tal-palm maqtugħa mis-siġra tal-ħajja li tinsab fil-ġnien tal-Mulej. Din għandek tara li tinġarr quddiem it-tebut tiegħek f'jum id-difna tiegħek. Imbagħad fit-tielet jum inti tkun meħuda fis-sema bil-ġisem... (xi ġranet wara) Marija kienet f'darha mdawwra bl-appostli u f'ħin bla waqt il-Mulej Ġesù Kristu daħal fid-dar imdawwar b'kotra hekk kbira ta' anġli; u dija kbira mliet il-post fejn kienu qegħedin. L-anġli kienu qegħdin jgħannu innu ta' tifħir lil Alla, imbagħad is-Salvatur tkellem u qal, 'ejja ġawhra l-aktar għażiża, idħol fil-ħajja ta' dejjem.  Mur fiż-żgur għax il-qtajja' tal-anġli tas-sema qed jistennewk biex iwassluk fil-hena tal-ġenna.' U Marija mteddet f'sodditha, u hija u trodd ħajr lil Alla, raddet ruħha. U l-appostli raw li ruħha kienet ta' bjuda liema bħalha, hekk li l-ebda fomm ta' bniedem ma jista' qatt ikun jista' jfissirha, għax il-bjuda ta' ruħha, imdawwla bid-dija tad-dawl tagħha, tisboq il-bjuda tal-borra u ta' kull metall fiddien ileqq u jilma.... Il-ġisem ta' Marija kien sabiħ bħall-fjuri tal-ġilju bil-fwieħa ħelwa liema bħalha li beda jitfa'.  Imbagħad l-appostli refgħu l-ġisem tal-Verġni Mqaddsa u difnuh f'qabar ġdid fil-wied 'il barra mill-belt ta' Ġerusalemm, għalquh u qagħdu jistennew lill-Mulej jiġi, kif kien ordnalhom... Tlett ijiem wara f'daqqa waħda idda madwarhom dawl mis-sema, u

huma waqgħu fl-art, u ara, il-ġisem imqaddes kien meħud fis-sema mill-anġli".

Naraw għalhekk kif l-awtur ta' din il-kitba jdaħħal diversi temi li jinsabu fil-kotba mqaddsa:

- qabel mewtha Marija tiġi mħabbra mill-anġlu, bħalma kienet qabel ma nisslet lil Ġesù ħdanha. L-istess kif Alla kien ħaseb biex jipprepara lil Marija għall-missjoni li kellu għaliha, issa wkoll jaħseb biex jippreparaha għall-ħajja ġdida li kienet se tibda magħquda miegħu fis-saltna tas-sema;
- l-anġlu jtiha fergħa mis-siġra tal-ħajja, li tissemma fil-ġenesi, li kienet maħluqa biex il-bnedmin jieklu minnha ħalli jgħixu għal dejjem. Din il-fergħa li kellha tinġarr quddiem it-tebut ta' Marija kienet aktar ta' sinjal għall-appostli milli għal Marija stess. Is-siġra tal-ħajja fil-ġnien tal-għeden kienet għall-ewwel bnedmin biex jgħixu għal dejjem, Marija kienet is-siġra tal-ħajja mħawwla fid-dinja biex il-bnedmin il-ġodda jgħixu għal dejjem;
- Kristu li jsejjaħ lil ommu, il-ġawhra l-aktar għażiża. biex tħalli l-anġli jwassluha sal-ġenna tfakkar id-djalogu tal-maħbubin li nsibu fl-Għanja tal-għanjiet, kif ukoll fis-salm 45 fejn is-salmista

jiddeskrivi l-għarusa bint is-sultan li tmur tiltaqa' mal-maħbub tagħha akkumpanjata mill-qaddejja tagħha;

- Marija trodd ruħha bħalma għamel Kristu fuq is-salib. Il-ħajja ta' Marija kienet kollha kemm hi 'iva' għal Alla u din hi l-aħħar iva li qaltlu meta hu sejjħilha u hi marret tingħaqad miegħu;
- ir-ruħ ta' Marija li kienet ta' bjuda tal-għaġeb u ġisimha li kien sabiħ bħall-ġilju jfakkru fix-xena tat-trasfigurazzjoni tal-Mulej. Fil-mewt tagħha Marija turi li dan hu d-destin ta' kull min jimxi wara binha – li bħal tiegħu u tagħha kull ġisem għad isir sabiħ u glorjuż;
- it-tlett ijiem li ġisem Marija jagħmel fil-qabar ifakkar it-tlett ijiem li ġisem Ġesù għamel jistenna l-qawmien. Iżda dan id-dettall ifakkar ukoll tradizzjoni Lhudija ġejja mit-Testment il-Qadim li tħeġġeġ lill-fidili jistennew lill-Mulej li jiġi fit-tielet jum.
- L-assunzjoni ta' Marija, hekk kif hi deskritta f'din il-kitba tfakkar ħafna fit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema. Din tgħaqqad mal-kitba ta' San Pawl lill-Korintin, li ta' kull sena tinqara' fil-quddiesa ta' nhar is-solennità tal-Assunzjoni: "Kristu kien imqajjem

> tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu. Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu; jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu", u min aktar minn Marija jista' jissejjaħ ta' Kristu?

Anki jekk ir-realtà sensibbli tat-tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem ta' Marija forsi ma kienetx daqshekk tal-għaġeb skont id-deskrizzjoni li jtina l-awtur tat-***Transitus Mariae***, xorta waħda huwa diffiċli li ġġib quddiem għajnejk ir-realtà spiritwali, ineffabbli, tal-mewt, anzi tar-raqda ta' Marija. Żgur illi kif għedna fil-bidu, is-simboliżmu u l-apsetti leġġendarji li fih wasslu biex dan it-test, u oħrajn bħalu, jiġu mwarrba minn ħafna kittieba. Biss li l-ġisem ta' Marija ma rax it-taħsir tal-qabar hija ħaġa kostanti li nsibuha fl-omeliji u fil-kitbiet ta' ħafna teoloġi qaddisin tal-ewwel sekli. Ħadd minn dawn ma' jitkellem fuq l-appostli li ġew minn kullimkien biex ikunu magħha f'mewtha, ħadd ma jitkellem fuq l-anġlu u s-siġra tal-ħajja, ħadd ma jitkellem fuq id-dehra ta' Kristu u anqas ma ħadd jgħid li ġew l-anġli li ġarrew

il-ġisem tal-Madonna. Imma jgħidu biss, bħalma jgħid san Ġwann ta' Damsku: "il-ġisem ta' Marija ma spiċċax fix-xejn, inbidel f'tabernaklu l-aktar nobbli u l-aktar divin li ma jispiċċax bil-mewt, imma jtul fl-eternità" għaliex kif qal il-Papa Piju XII fil-kostituzzjoni appostolika ***Munificentissimus Deus*** li biha pproklama d-domma tal-Assunta "hija domma rivelata minn Alla, li l-Omm immakulata tiegħu, Marija dejjem Verġni fi tmiem il-ħajja tagħha fuq l-art ġiet imtella' fil-glorja tas-sema bir-ruħ u l-ġisem".

Nistgħu nsibu spjegazzjoni għal dan jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn il-kalendarju liturġiku tal-insara tal-ewwel sekli. L-ewwel festa tal-Madonna, magħrufha bħala *Memoria Genetricis Dei*, it-tifkira ta' Omm Alla, li kienet teżisti żgur minn qabel il-ħames seklu kienet tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu. Meta aħna llum niċċelebraw il-festa ewlenija ta' xi qaddis li għandu aktar minn festa waħda (bħal San Ġużepp), il-festa l-aktar importanti tiegħu nsejjħulha b'ismu, bħal per eżempju d-19 ta' Marzu hija l-festa ta' San Ġużepp – ismu biss bla ebda titlu. Mela allura meta naraw li l-festa ta' Santa Marija – l-unika festa tal-Madonna li ġġib biss isimha – sa mis-seku V żammet id-data ta' din l-ewwel festa tal-

Madonna ċċelebrata mill-insara, nifhmu li l-festa tal-Assunzjoni tal-Madonna hija l-festa PROPRJA tal-Madonna. L-ebda festa oħra taħt l-ebda titlu tal-Madonna ma hija antika daqs il-festa ta' Santa Marija. U dan jixhed li l-ewwel devozzjoni popolari tal-insara lejn l-omm ta' Alla kienet appuntu marbuta mal-Assunzjoni tagħha. Dan huwa ppruvat ukoll mill-fatt li l-ewwel ċentru ta' pellegrinaġġi relatat direttament u unikament mal-figura ta' Marija kien, bħalma għedna, il-qabar tagħha, il-post fejn ġisimha tpoġġa u l-post minn fejn għadda għar-realtà tal-glorja.

Għedna li sas-seklu V il-kitbiet li jitkellmu espiliċtament dwar dan il-misteru huma kollha anonimi, u jitkellmu dwar raqda jew transtu, bidla fl-istat tar-realtà, tal-persuna ta' Marija. Iżda sa mis-seklu II San Ippolitu kien ġa qal li l-ġisem ta' Kristu jixbaħ lil injama meħuda minn siġra li ma titħassarx. Iġifieri ġa mit-tieni seklu xi għorrief insara ġa kienu jqisu l-ġisem ta' Marija bħala xi ħaġa inkorrotta, li ma tintemmx maż-żmien.

Fis-seklu V nsibu l-ewwel kittieb ekkleżjastiku li jikteb ċar dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Marija u jiffirma b'ismu: Theoteknos ta' Livias, post fil-Palestina, li tiegħu għandna

omelija tal-festa tal-15 ta' Awwissu. Hemm żewġ affarijiet ta' min jinnuthom f'din l-omelija: l-ewwel waħda hija li hu ma jitkellimx fuq raqda jew transtu, bħal ta' qablu, imma jitkellem ċar u tond fuq assunzjoni – iġifieri letteralment li ttella' xi ħaġa 'il fuq. It-tieni ħaġa hi li l-mod kif jibni l-argument juri ċar li n-nies kienu jafu sewwa fuqhiex kien qed jitkellem – iġifieri sal-V seklu żgur li l-komunità nisranija kienet ġa aċċettat bħala verità li l-ġisem ta' Marija reġa' ingħaqad ma' ruħha fil-ġenna wara mewtha. Theoteknos jgħidilna "Bix-xieraq li l-verġni l-aktar pura tirċievi mertu ikbar minn tal-qaddisin kollha. Hi, li kienet it-tieni Eva, ħassret il-ħażen tal-waqgħa u neħħiet is-saħta minn fuq il-mara. Hi sabet dak li Eva tilfet. Hi sabet dak li tilef Adam talli m'obdiex il-kmand ta' Alla." U lkoll nafu x'kien il-kastig li Alla ta lil Adam talli dineb: "Trab int u fit-trab terġa' tmur". Mela dan hu li sabet Marija li kienu tilfu Adam u Eva – li l-ġisem, l-isbaħ don ta' Alla lill-bniedem, ma jarax it-taħsir.

Theoteknos ikompli jgħidilna "Kien wisq xieraq li l-ġisem imqaddes tagħha, li laqa' lil Alla u ġarru fih, ġisimha li jixbaħ lil ta' Alla, mhux mittiefes, jiddi bid-dawl divin u mimli glorja, kien wisq xieraq li ġisimha jinġarr mill-appostli u jindifen u wara ftit ikun imtellgħa fis-sema bil-

glorja biex jingħaqad ma’ ruħha li tant ħabbet lil Alla. Kien wisq xieraq li l-mara mqaddsa li ġabet lill-Iben fid-dinja tarah mill-ġdid bilqegħeda fuq l-għola tron, u li hi toqgħod ħdejh”.

Madwar mitejn sena wara nsibu l-ewwel talba ddedikata lill-Assunta fi ktieb liturġiku. Dan huwa s-Sagramentarju li l-papa Adrijanu I bagħat lill-Imperatur Karlu Manju. Din it-talba l-Papa Piju XII ukoll isemmiha fil-kostituzzjoni appostolika ***Munificentissimus Deus***: “Tassew tistħoqq il-qima tagħna, Mulej, din is-solennità tal-lum, li fiha l-Omm ta’ Alla għaddiet mill-mewt tal-ġisem, imma li fiha wkoll il-mewt ma setgħetx iżżommha taħt il-ħakma tagħha – lilha li minn ġisimha tat il-ġisem lill-Iben tiegħek u wellditu. Ħalli, Mulej, li jasal għandek it-talb tal-Omm qaddisa ta’ Alla għall-bżonnijiet tal-poplu tiegħek; għalkemm aħna nafu li hi temmet din il-ħajja mingħajr tbatija fil-ġisem, nittamaw li aħna nduqu l-interċessjoni tagħha mill-glorja tal-ġenna”.

B’hekk rajna kif sa mill-ewwel sekli Marija, grazzi għat-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, kienet meqjusa mill-insara bħala l-pont li jgħaqqad l-art u s-sema, dik li twassal talbna lil Alla u li twassal il-grazzji tiegħu lilna.

F'Marija Assunta naraw it-twettiq sħiħ tal-wegħeda li Alla għamel lil kull min jemmen fih u li għad titwettaq fl-aħħar żmien.  B'Marija parti mill-umanità dgħajfa tagħna diġà tinsab fil-ġenna, bħala preludju sabiħ għal dak li għad irridu ngħaddu minnu aħna lkoll.

F'udjenza ġenerali nhar it-3 ta' Jannar 1996, il-Beatu Papa Ġwanni Pawlu II jgħidilna: "Marija 'fil-Knisja tokkupa post li hu l-ogħla wara dak ta' Kristu u fl-istess ħin l-eqreb lejna.'  …  Il-post l-eqreb lejna: ħajjtina hi nfluwenzata b'mod l-aktar profond mill-eżempju u l-interċessjoni ta' Marija… it-tagħlim kollu tal-istorja tas-salvazzjoni jistedinna nħarsu lejn il-Verġni."

Mela ejjew nisimgħu minn dan il-Papa qaddis u nħarsu lejn il-verġni, hekk kif qed narawha quddiemna f'din ix-xbieha tant għażiża u sabiħa.  Qed narawha b'ħarsitha lejn is-sema turina t-triq, waqt li b'idejha qed tbierek dan ir-raħal tagħna iddedikat sa minn dejjem lilha.  Minkejja li ħarsitha hija 'l fuq, Marija għadha saqajha fl-art, fostna, magħna, wieqfa rebbieħa fuq il-qabar li nistgħu nqisuh bħala t-tron tal-fidda li missirijietna l-Imqabbin taw lil din ir-Reġina tagħna.

Ejjew, Imqabbin, naraw fl-Assunta l-Omm tagħna lkoll u għal dal-ġranet tal-festa tagħha, il-festa tagħna lkoll, inpoġġu fil-ġenb id-differnezi ta' bejnietna u flimkien mal-bqija tal-insara fid-dinja kollha ninżlu għarkubbtejna nqimu dan il-misteru kbir tal-fidi li fih naraw il-kuruna tal-grazzji kollha li Alla għoġbu jsawwab fuq l-omm tiegħu u l-omm tagħna. Meta jumejn oħra din ix-xbieha meraviljuża tgħaddi mit-toroq tagħna ejjew ilkoll nilqugħa fil-qalb tagħna bl-istess ferħ li bih laqgħuha missirijietna **kollha** mija u ħamsa u sebgħin sena ilu, u ningħaqdu lkoll bħala familja waħda madwar l-omm tagħna lkoll. Dan hu l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtu lil Santa Marija. Din hija l-isbaħ festa li nistgħu nagħmlulha.

O Marija, inti l-għaxqa
tal-ħolqien, tas-sema u l-art
inti l-glorja ta' raħalna
lil kulħadd warajk saħħart!

Inti l-għaxqa t'Alla nniffsu
l-ebda xebħ ma joqgħod ħdejk
l-ebda kewkba minn tas-sema
m'għandha d-dawl sabiħ ta' għajnejk

int reġina ta' re qawwi
li saltnietu ma tmut qatt
sbejħa bħalek fl-art u s-sema
Alla żgur m'għamel lil ħadd!

Irriduk issaltan fuqna
Fuq uliedna ma' kull żmien
Ismek jibqa ġewwa qlubna
U fuq fommna kullimkien.

Biex l-Imqabba u l-Assunta
Jibqgħu dejjem ta' xulxin
F'għaqda sħiħa ta' l-imħabba
Li ma għadx tinħall mas-snin.

Int Madonna – din hi l-ħalfa –
Li ġibtilna rebħ u sliem
Tibqa' l-għaxqa tal-qalb tagħna
Sa ma raħalna jkollu tmiem!

Viva Santa Marija, il-padruna tal-Imqabbin!